# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 12 ta' April 2022**

**Talba numru 295/2021SFJ**

**VICTORIA CAMILLERI**

**(409488M)**

**vs.**

**JAMES FARRUGIA**

**(444886M)**

**It-Tribunal:**

- Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fit-22 ta' Ottubru 2021 li permezz tiegħu l-attriċi talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma komplessiva ta' erbat elef u mitejn u wieħed u għoxrin Ewro (€4,221) rappreżentanti l-valur ta' vettura tagħha misruqa mill-attur u rappreżentanti ħlasijiet magħmulin mill-attriċi lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta, bl-imgħax u bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

- Ra li l-konvenut ġie nnotifikat fis-6 ta' Novembru 2021, kif jidher mir-riferta relattiva;

- Ra li l-konvenut ma ppreżenta ebda Risposta, ma deher għal ebda seduta u ma ppreżenta ebda dokumentazzjoni;

- Ra l-kapitolu ppreżentat fl-udjenza tal-14 ta' Diċembru 2021;

- Sema' lill-attriċi tixhed matul l-udjenza tal-11 ta' Jannar 2022;

- Ra n-nota tal-attriċi ppreżentata fis-17 ta' Jannar 2022 kontenenti sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali), elenku ta' spejjeż u multi, kif ukoll ċertifikat tal-assigurazzjoni;

- Sema' lix-xhud, ra d-dokumentazzjoni kollha ppreżentata, u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għat-12 ta' April 2022.

**<u>Provi ippreżentati u konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>**

It-Tribunal qara sewwa s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali) tal-1 ta' Lulju 2021 fl-ismijiet ***<u>Il-Pulizija vs. James Farrugia</u>*** u ra anki li n-numru tal-karta tal-identità fis-sentenza relattiva jaqbel man-numru tal-karta tal-identità tal-konvenut kif indikat fl-Avviż tat-Talba.

Jirriżulta mis-sentenza relattiva li l-konvenut instab ħati ta' diversi reati, fosthom serq tal-vettura Fiat Punto, targata CBP981. Kemm mis-sentenza relattiva kif ukoll mill-ittra tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta datata 7 ta' Settembru 2021 u mid-dokumentazzjoni maħruġa minn Elmo Insurance Limited jirriżulta sodisfaċentement ippruvat li l-attriċi hija sidt il-vettura Fiat Punto, targata CBP981.

Il-verżjoni tal-attriċi tirriżulta wkoll mis-sentenza relattiva u *siccome* din il-kawża hija l-fergħa ċivili tal-azzjonijiet spettanti lill-attriċi per konsegwenza tas-sinistru tas-27 ta' Jannar 2018, m'hemm ebda raġuni li għaliha l-verżjoni li tat l-attriċi lill-Qorti tal-Maġistrati (bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali) m'għandhiex tkun emmnuta.

Oltre dan kollu, jiġi osservat li l-konvenut, għalkemm debitament mgħarraf bl-Avviż tat-Talba u nnotifikat skont il-liġi, naqas li jippreżenta Risposta u naqas ukoll li jidher f'xi seduta jew oħra.

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina

jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Tenut kont ta' dan kollu, it-Tribunal huwa tal-fehma li f'dan il-każ, l-attriċi rnexxielha tipprova dak allegat minnha sal-grad li titlob il-liġi u għalhekk m'hemm ebda raġuni li għaliha t-talbiet tagħha m'għandhomx jintlaqgħu.

**Deċide**

Għaldaqstant, wara li ra d-dokumentazzjoni ppreżentata u wara li sema' lix-xhud, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' t-talbiet kollha tal-attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma totali ta' erbat elef u mitejn u wieħed u għoxrin Ewro (€4,221), bl-imgħax li għandu jiġi kkalkulat b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi, dekorribbli mis-6 ta' Novembru 2021 (data tan-notifika tal-Avviż tat-Talba lill-konvenut) sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**